MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1057/2010

**Mobisle Communications Limited
C24655**

**vs**

**Zarb Clementina
I.D 006460(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta’ tlett t’elef, mija u sitta u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€3,126.37), liema somma tipprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 1028412 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Illi l- konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l- konvenuta giet debitamenta notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l- konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta’ tlett t’elef, mija u sitta u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€3,126.37), bl-imghax kif mitlubA. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------